MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2010

Numru. 821/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**Vs**

**Julien Christophe Joel Vidal ta’ 17 il-sena, bin Jean-Luc Vidal u Isabelle Pereira, imwieled nhar il-15 ta’ Ottubru 1992 gewwa Marsilja (Franza), detentur tal-karta tal-identita Franciza bin-numru 80613403408 residenti fi Franza gewwa 16, Allee Des Semis, Les Pinchinades, Vitrolles u f’Malta temporanjament gewwa Kamra bin-bumru 4046 gewwa s-San Pawl Hotel ta’ Triq Il-Kahli, San Pawl il-Bahar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Julien Christophe Joel Vidal li gie akkuzat talli nhar id-19 ta’

Awissu 2010, ghall-habta tal-11.20pm gewwa s-San Pawl Hotel ta' Triq il-Kahli, San Pawl il-Bahar minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' David Kenneth Curtis persuna ta' nazzjonalita Brittanika, skond kif iccertifikat Dr. Simone Zammit MD tac-centru tas-sahha tal-Mosta u dan ai terminu tal-0artikolu 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan ai Termini tal-artikolu 338dd tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena li ghandha tigi inflitta;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni irregistrata mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibhu hati ta' l-istess.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-amissjoni bikrija maghmulha mill-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu, il-fatt illi l-imputat skuza ruhu mal-vittma ghal dana l-incident u anke ikkumpensah tal-ispejjez inkorsi minnu. Il-Qorti madanakollu ma tistax tinjora l-fatt illi l-vittma sofra griehi li jistghu ihallu xi konsegwenzi fil-futur. Il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni finalment ukoll il-fatt illi l-imputat kien taht l-eta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 338(dd) u 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-

imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' tlett (3) xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkomettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------